10 ta' Lulju 2019

# L-MFSA tippubblika r-Rapport Annwali u d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji 2018: Sena ta' sfidi u bidliet, bi tkabbir ta' 9.5% fis-settur tas-servizzi finanzjarji f'Malta

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) llum ippubblikat ir-Rapport Annwali u d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji għas-sena li ġiet fi tmiemha fil-31 ta' Diċembru 2018. Barra milli jipprovdi ħarsa lejn l-attivitajiet u l-ħidma mwettqa mill-MFSA, flimkien ma' dettalji dwar il-kisbiet fis-settur tas-servizzi finanzjarji s-sena li għaddiet, ir-Rapport jindika wkoll il-viżjoni tal-Awtorità għas-snin li ġejjin.

Is-settur tas-servizzi finanzjarji f'Malta kompla jirreġistra rati ta' tkabbir notevoli fl-aħħar snin, bl-2018 jirreġistra tkabbir ta' 9.5% fuq is-sena ta' qabel. Minkejja l-isfidi f'ambjent mill-aktar kompetittiv, is-sena li għaddiet l-MFSA rreġistrat 144 entità ġdida, hekk kif aktar kumpaniji għażlu lil Malta biex jinvestu.. Dan wassal biex issa l-MFSA tilliċenzja aktar minn 2,300 entità.

Meta wieħed jikkunsidra wkoll is-servizzi anċillari marbuta mas-settur tas-servizzi finanzjarji, is-settur issa jikkontribwixxi 11.6% tal-Valur Miżjud Gross (GVA), biex b'hekk huwa wieħed mill-aktar kontributuri importanti tal-ekonomija ta' pajjiżna. Sal-aħħar tal-2018, is-settur kien iħaddem aktar minn 12,000 persuna, b'elf post tax-xogħol jinħoloq fl-aħħar sena biss. Dan ifisser li dan is-settur jipprovdi għal 5.3% tal-impjegi f'pajjiżna, , kważi d-doppju ta' dak reġistrat fl-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea, fejn ir-rata hi ta' 2.9%.

Dawn huma wħud mill-elementi ewlenin tal-attività tal-MFSA matul is-sena li għaddiet:

- Twettaq eżerċizzju komprensiv ta' ristrutturar biex tissaħħaħ il-kapaċità organizzazzjonali tal-Awtorità u biex din titħejja għall-isfidi futuri;
- Daħal fis-seħħ l-Att dwar l-Assi Finanzjarji Virtwali (VFA) f'Novembru 2018 li fisser li Malta kienet fuq quddiemnett fid-dinja tad-DLT u l-assi diġitali;
- Ittieħdet azzjoni regolatorja kontra Pilatus Bank u Satabank plc għal nuqqasijiet prudenzjali u ta' AML/CFT;
- Saret ħidma fil-qrib mal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) fil-qafas tal-Financial Stability Assessment Programme (FSAP) dwar Malta, li kkonkludew li s-sistema bankarja għadha reżiljenti anke taħt xenarji ta' *stress test* severi – saru numru ta' rakkomandazzjonijiet għal titjib fil-ħila superviżorja tal-MFSA;
- Iffirmat Memorandum of Understanding (MoU) mal-Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU) biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni u jiżdiedu u jissaħħu n-numru ta' spezzjonijiet marbuta mal-AML/CFT fuq il-post tal-entitajiet liċenzjati;
- Ippubblikati aktar minn 600 notifika regolatorja biex jiġu gwidati l-entitajiet regolatorji u jitħarsu l-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji;



Notabile Road, Attard, BKR3000, Malta
+356 2144 1155
communications@mfsa.com.mt
www.mfsa.com.mt

- Relazzjoni kontinwa u mill-qrib mas-settur, li ġie kkonsultat 15-il darba s-sena li għaddiet, f'dokumenti ta' konsultazzjoni fuq suġġetti differenti bħal Initial Coin Offerings, Muniti Virtwali, l-Att dwar il-Pensjonijiet tal-Irtirar u l-Ħarsien tal-Konsumatur;
- Twettqu eżerċizzji ta' *mystery shopping* biex tinkiseb evidenza diretta tal-esperjenza tal-konsumatur;
- Ingħataw aktar minn 11,000 siegħa taħriġ lill-impjegati tal-MFSA, 19% aktar mis-sena ta' qabel;
- Ir-Reġistru tal-Kumpaniji ma baqax jifforma parti mill-MFSA biex din tal-aħħar tkun tista' tiffoka aktar fuq ir-rwol u d-dmirijiet regolatorji tagħha. Ir-Reġistru issa twaqqaf bħala aġenzija separata, bl-isem ta' Malta Business Registry (MBR).

Bħala parti mill-attività superviżorja tagħha, l-MFSA ffukat fuq il-bżonn li tkun żgurata fiduċja fis-suq u titjib fl-istabbilità u l-integrità tas-sistema finanzjarja f'Malta. Fil-messaġġ tiegħu fl-istess Rapport Annwali, il-Kap Eżekuttiv tal-MFSA Joseph Cuschieri spjega li l-ħidma tal-Awtorità, fl-2018, iffukat fuq erba' oqsma speċifiċi:

- Eżerċizzju ta' ristrutturazzjoni u riforma fl-istruttura organizzattiva bl-għan speċifiku li tissaħħaħ il-governanza, il-kultura u l-kondotta tal-Awtorità;
- Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;
- Investiment fl-innovazzjoni teknoloġika; u
- Li nagħmlu mill-Awtorità *employer* ewlieni.

Is-Sur Cuschieri rrimarka li fid-dawl tal-impatt estensiv tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kwistjoni li għandha impatt internazzjonali, l-"Awtorità se ssaħħaħ l-impenn superviżorju, bl-għan li nilħqu b'mod aħjar l-għanijiet statutorji tagħha, u dan, se jgħin biex nissalvagwardjaw ir-reputazzjoni ta' Malta bħala ġurisdizzjoni ta' kwalità għas-servizzi finanzjarji.

Filwaqt li l-impenn superviżorju se jissaħħaħ fil-kuntest kollu tal-ħidma tal-MFSA, l-Awtorità se tpoġġi enfasi fuq is-superviżjoni tal-AML/CFT, f'konformità mal-istrateġija tagħna f'dan is-settur."

Ir-Rapport Annwali u d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji jistgħu jitniżżlu minn [www.mfsa.com.mt/annual-report-2018](http://www.mfsa.com.mt/annual-report-2018)

Dawk li jixtiequ jirċievu kopja stampata tar-Rapport Annwali jistgħu jibgħatu email fuq info@mfsa.com.mt

## Servizzi Finanzjarji: L-2018 f'numri

- Id-depożiti mal-banek domestiċi kibru b'6.1%. Dawn kienu konċentrati primarjament f'kontijiet kurrenti, li jkopru 70.3% tad-depożiti bankarji
- L-ammont ta' self mill-banek kiber għall-banek domestiċi: 6.3% għal banek ewlenin, 18% għal banek oħrajn
- L-assi totali tas-settur tas-servizzi tal-investiment żdiedu bi 8.3%, għal total ta' €11.7 biljun f'2018
- Il-kummerċ fil-bonds tal-kumpaniji laħaq it-€93.7 miljun fl-2018, żieda ta' 22.5% mill-2017.
- Il-valur nett tal-assi tal-Fondi domiċiljati f'Malta laħaq il-€11.7 biljun, żieda ta' 8% mill-2017
- L-assi mmaniġġjati minn pajjiżna ta' fondi li mhumiex domiċiljati f'Malta żdiedu b'9.1%, għal €24 biljun.
- In-numru ta' skemi ta' pensjonijiet ta' rtirar żdiedu bi 11.5%, għal total ta' €5.35 biljun f'assi.
- Investigati 63 każ ta' ksur ta' liġijiet jew regolamenti; ippubblikati 7 twissijiet pubbliċi;
- 11,000 siegħa taħriġ lill-ħaddiema tal-MFSA, 19% aktar mill-2017
- 15-il dokument ta' konsultazzjoni u 7 *feedback statements* għall-industrija u l-pubbliku ġenerali;
- Ippubblikati aktar minn 600 notifika regolatorja;
- Ikkoreġuti 26 riklam: materjal promozzjonali ppubblikat minn 9 kumpaniji ta' investiment, 5 kumpaniji ta' assigurazzjoni u 12 minn banek jew istituzzjonijiet finanzjarji, kienu riveduti mill-MFSA biex jitħarsu l-konsumaturi.

## Dwar l-MFSA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) hija r-regolatur uniku tas-servizzi finanzjarji f'Malta li tkopri banek, kumpaniji ta' assigurazzjoni, servizzi ta' investiment, trusts u pensjonijiet. Mis-sena li għaddiet, saret l-ewwel regolatur Ewropew li żviluppa qafas li jirregola l-assi finanzjarji virtwali. Il-missjoni tal-MFSA, kif definita fil-Viżjoni tagħha għall-2021, hija li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità sueprviżorja indipendenti, proattiva u affidabbli bl-għan ewlieni li tissalvagwarjda l-integrità tas-swieq u tħares -istabilità tas-settur finanzjarju, għall-benefiċċju u l-protezzjoni tal-konsumatur. L-MFSA tilliċenzja aktar minn 2,300 entità fis-settur tas-sevizzi finanzjarji, li jifforma sa 11% tal-Prodott Domestiku Gross ta' Malta.